C/2026/5252

9.10.2026

Notifika ta' bidu dwar l-implimentazzjoni tas-sentenza tat-3 ta' Settembru 2026 fil-Kawża C-319/24 P fir-rigward tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1336 li jimponi dazji anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti alkoħols tal-polivinil li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

(C/2026/5252)

1. Is-sentenza

Fis-sentenza tagħha tal-21 ta' Frar 2024, fil-kawża T-762/20, *Sinopec Chongqing SVW Chemical et vs Il-Kummissjoni* ([1])il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea ("il-Qorti Ġenerali") annullat parzjalment ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1336 tal-25 ta' Settembru 2020 li jimponi dazji anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti alkoħols tal-polivinil ("PVA") li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ([2]) ("ir-Regolament inkwistjoni") sa fejn kien jikkonċerna r-rata tad-dazju anti-dumping li taffettwa l-importazzjonijiet fl-Unjoni Ewropea ta' ċerti PVA manifatturati u mibjugħa minn Sinopec Chongqing SVW Chemical Co. Ltd, Sinopec Great Wall Energy & Chemical Ningxia Co. Ltd u Central-China Company, Sinopec Chemical Commercial Holding Co. (il-Grupp Sinopec). Ir-Regolament inkwistjoni għamel aġġustamenti' l isfel fil-prezz tal-esportazzjoni biex jiżgura tqabbil ġust bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni tal-PVA prodott mill-Grupp Sinopec skont l-Artikolu 2(10)(e), (g), (i) u (k) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([3]) (ir-Regolament anti-dumping bażiku). Barra minn hekk, ir-Regolament kontenzjuż naqqas il-prezz tal-esportazzjoni tal-bejgħ fl-Unjoni ta' PVA prodott minn Sinopec Chongqing u Sinopec Ningxia mwettaq permezz ta' Sinopec Central-China. Fl-aħħar nett, ir-Regolament inkwistjoni qies lil Sinopec Central-China mhux bħala dipartiment tal-bejgħ intern tal-Grupp Sinopec iżda bħala operatur tas-suq li jaġixxi fuq bażi ta' kummissjoni.

Fir-rigward tal-aġġustamenti' l isfel skont l-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament anti-dumping bażiku, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-Kummissjoni ma pproduċietx korp ta' evidenza konsistenti li turi li l-funzjonijiet ta' Sinopec Central-China kienu funzjonijiet simili għal dawk ta' aġent li jaġixxi fuq bażi ta' kummissjoni jew li jipprekludu r-rikonoxximent tal-istatus tiegħu bħala dipartiment intern tal-bejgħ. Il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-Kummissjoni għamlet żball manifest ta' valutazzjoni meta applikat aġġustament' l isfel għall-prezz tal-esportazzjoni skont l-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament anti-dumping bażiku abbażi tas-sejba li Sinopec Central-China kienet qed twettaq funzjonijiet simili għal dawk ta' aġent li jaġixxi fuq bażi ta' kummissjoni. Il-Kummissjoni appellat is-sentenza tal-Qorti Ġenerali.

Fit-3 ta' Settembru 2026, fil-Kawża C-319/24 P *Il-Kummissjoni vs Sinopec Chongqing SVW Chemical u oħrajn*, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (il- "QĠUE" jew il- "Qorti") iddeċidiet dwar l-appell imressaq mill-Kummissjoni Ewropea kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali. Il-QĠUE annullat is-sentenza tal-Qorti Ġenerali sa fejn kienet tikkonċerna aġġustamenti' l isfel għall-prezz tal-esportazzjoni skont l-Artikolu 2(10)(e), (g) u (k) tar-Regolament anti-dumping bażiku. Madankollu, il-Qorti kkonfermat is-sejbiet tal-Qorti Ġenerali sa fejn kienu jikkonċernaw l-aġġustamenti "l isfel għall-prezz tal-esportazzjoni skont l-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament anti-dumping bażiku. B'riżultat ta' dan, ir-Regolament inkwistjoni ġie parzjalment annullat fir-rigward tal-kalkolu tar-rata tad-dazju anti-dumping li taffettwa l-importazzjonijiet fl-Unjoni Ewropea ta' ċerti PVA manifatturati u mibjugħa mill-Grupp Sinopec.

2. Konsegwenzi

L-Artikolu 266 TFUE jipprevedi li l-Istituzzjonijiet iridu jieħdu l-miżuri neċessarji biex jikkonformaw mas-sentenzi tal-Qrati.

([1]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Frar 2024, *Sinopec Chongqing SVW Chemical et vs Il-Kummissjoni*, T-762/20, ECLI:EU:T:2024:113.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1336 tal-25 ta' Settembru 2020 li jimponi dazji anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti alkoħols tal-polivinil li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 315, 29.9.2020, p. 1, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/1336/oj).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea (kodifikazzjoni) (ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21. ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1036/oj).

Skont il-ġurisprudenza stabbilita, f'każijiet fejn il-proċedimenti jikkonsistu minn diversi stadji amministrattivi, bħal fil-każ tal-proċedimenti anti-dumping, l-annullament ta' wieħed minn dawk l-istadji ma jannullax il-proċediment sħiħ ([4]). Minflok, meta jittieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex wieħed jikkonforma ma' sentenza li tannulla att u jimplimentaha, il-proċedura għas-sostituzzjoni ta' att annullat tista' titkompla mill-punt li fih seħħet l-illegalità ([5]).

Għaldaqstant, biex tikkonforma mas-sentenzi tal-Qorti Ġenerali u l-QĠUE ('il-Qrati'), il-Kummissjoni Ewropea ('il-Kummissjoni') għandha l-possibbiltà li tirrimedja l-aspetti tal-proċedimenti li wasslu għall-annullament, mingħajr ma tbiddel dawk il-partijiet li ma jintlaqtux mis-sentenza ([6]).

Ir-Regolament inkwistjoni ġie parzjalment annullat minħabba li l-Kummissjoni, li kellha l-oneru tal-prova fir-rigward tal-aġġustament li sar skont l-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament anti-dumping bażiku, ma kinitx stabbiliet sal-istandard legali meħtieġ il-korp ta' evidenza konsistenti li turi li Sinopec Central-China kienet qed twettaq kompiti simili għal dawk ta' aġent li jaġixxi fuq bażi ta' kummissjoni. Għalhekk, ir-rata tad-dazju anti-dumping jenħtieġ li tiġi kkalkolata mill-ġdid għall-Grupp Sinopec mingħajr l-applikazzjoni ta' aġġustament' l isfel tal-prezz tal-esportazzjoni tagħhom skont l-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament anti-dumping bażiku.

Min-naħa l-oħra, u abbażi tal-ġurisprudenza mfakkra hawn fuq, is-sejbiet milħuqa fir-Regolament inkwistjoni li ma ġewx ikkontestati, jew li ġew ikkontestati iżda miċħuda mis-sentenzi tal-Qrati jew li ma ġewx eżaminati mill-Qrati u għalhekk ma wasslux għall-annullament tar-Regolament inkwistjoni, jibqgħu validi.

3. **Proċedura ta' ftuħ mill-ġdid**

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni ddeċidiet li terġa' tiftaħ l-investigazzjoni anti-dumping fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti PVA li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina li wasslet għall-adozzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1336 sa fejn jikkonċerna lil Sinopec Chongqing, Sinopec Ningxia u Sinopec Central-China. Il-ftuħ mill-ġdid tal-investigazzjoni oriġinali jerġa' jibda fil-punt li fih tkun seħħet l-irregolarità identifikata mill-Qorti tal-Ġustizzja.

L-għan tal-ftuħ mill-ġdid tal-investigazzjoni oriġinali huwa li tiġi indirizzata bis-sħiħ l-irregolarità identifikata mill-Qorti tal-Ġustizzja u li jiġi vvalutat jekk l-applikazzjoni korretta tar-regoli tistax tiġġustifika l-impożizzjoni mill-ġdid tal-miżuri f'livell rivedut mid-data li fiha r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1336 daħal fis-seħħ oriġinarjament jew le.

Il-partijiet interessati huma infurmati b'dan il-ftuħ mill-ġdid permezz tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

4. **Preżentazzjonijiet bil-miktub**

Il-partijiet interessati kollha, u b'mod partikulari l-produttur esportatur ikkonċernat u l-industrija tal-Unjoni, huma mistiedna jippreżentaw il-fehmiet tagħhom, jippreżentaw informazzjoni u jipprovdu provi ta' sostenn dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw il-ftuħ mill-ġdid tal-investigazzjoni. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, din l-informazzjoni u l-evidenza ta' sostenn iridu jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien 10 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-Avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

5. **Possibbiltà ta' smigħ mis-servizzi ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni**

Il-produtturi esportaturi kkonċernati u l-industrija tal-Unjoni jistgħu jagħmlu talba biex jinstemgħu mis-servizzi ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni. Kull talba għal smigħ jenħtieġ li ssir bil-miktub u tispeċifika r-raġunijiet għaliex tkun qed issir. Għal seduti ta' smigħ dwar kwistjonijiet li jkunu jirrigwardaw mal-ftuħ mill-ġdid tal-investigazzjoni, it-talba trid tiġi ppreżentata fi żmien 15-il jum mill-pubblikazzjoni ta' dan l-Avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Wara dan, it-talba għal smigħ trid tiġi ppreżentata fil-limiti tal-iskadenzi speċifiċi stabbiliti mill-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tagħha mal-partijiet.

([4]) Is-sentenza tal-15 ta' Ottubru 1998, *Industrie des poudres sphériques (IPS) v Council*, il-Kawża T-2/95, ECLI:EU:T:1998:242.

([5]) Is-Sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-3 ta' Ottubru 2000, *Industrie des poudres sphériques v Council*, C-458/98 P, ECLI:EU:C:2000:531, il-paragrafi 80 sa 85, kif ukoll tat-28 ta' Jannar 2016, *CM Eurologistik*, C-283/14 u C-284/14, ECLI:EU:C:2016:57, il-paragrafi 48 sa 55.

([6]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Ġunju 2016, *Il-Kummissjoni vs McBride*, il-Kawża C-361/14P, ECLI:EU:C:2016:434, il-paragrafu 56; ara wkoll, fil-qasam tad-dumping, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-3 ta' Ottubru 2000, *Industrie des poudres sphériques vs Il-Kunsill*, il-Kawża C-458/98 P, ECLI:EU:C:2000:531, il-paragrafu 84.

6. **Istruzzjonijiet għall-preżentazzjonijiet bil-miktub u biex tintbagħat il-korrispondenza**

L-informazzjoni ppreżentata lill-Kummissjoni għall-fini tal-investigazzjonijiet għad-difiża tal-kummerċ għandha tkun ħielsa mid-drittijiet tal-awtur. Il-partijiet interessati, qabel ma jippreżentaw lill-Kummissjoni informazzjoni u/jew data soġġetti għad-drittijiet tal-awtur ta' terzi persuni, iridu jitolbu permess speċifiku lid-detentur tad-drittijiet li jippermetti b'mod espliċitu (a) li l-Kummissjoni tuża" l-informazzjoni u d-data għall-iskop ta' dan il-proċediment tad-difiża tal-kummerċ; u (b) li tipprovdi l-informazzjoni u/jew id-data lill-partijiet interessati f'din l-investigazzjoni f'għamla li tippermettilhom li jeżerċitaw id-drittijiet tad-difiża tagħhom.

Il-preżentazzjonijiet kollha bil-miktub, fosthom l-informazzjoni mitluba f'din in-Notifika, il-kwestjonarji mimlija u l-korrispondenza pprovduta mill-partijiet interessati li għalihom jintalab trattament kunfidenzjali għandhom jiġu mmarkati bħala "sensittivi" ([7]). Il-partijiet li jippreżentaw informazzjoni matul din l-investigazzjoni huma mistiedna jagħtu raġunijiet għat-talba tagħhom għal trattament kunfidenzjali.

Il-partijiet interessati li jipprovdu informazzjoni "Sensitive" huma mitluba jfasslu sommarji mhux kunfidenzjali tagħha skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament bażiku, li jiġu mmarkati "For inspection by interested parties". Dawn is-sommarji jridu jkunu dettaljati biżżejjed biex jippermettu li s-sustanza tal-informazzjoni ppreżentata b'mod kunfidenzjali tinftiehem b'mod raġonevoli. Jekk parti li tipprovdi informazzjoni kunfidenzjali tonqos milli tagħti raġunijiet ġusti għal talba ta' trattament kunfidenzjali jew ma tfassalx sommarju mhux kunfidenzjali tagħha fil-format u bil-kwalità mitluba, il-Kummissjoni tista' tinjora tali informazzjoni sakemm ma jkunx jista' jintwera b'mod sodisfaċenti minn sorsi xierqa li l-informazzjoni hija korretta.

Il-partijiet interessati huma mistiedna jressqu l-preżentazzjonijiet u t-talbiet kollha permezz ta' TRON.tdi (https://webgate.ec.europa.eu/tron/TDI) inklużi dokumenti skenjati ta' prokuri u ta' ċertifikazzjoni. Il-partijiet interessati, meta jużaw TRON.tdi jew il-posta elettronika, ikunu qed jesprimu l-qbil tagħhom mar-regoli applikabbli għall-preżentazzjonijiet elettroniċi li jinsabu fid-dokument "CORRESPONDENCE WITH THE EUROPEAN COMMISSION IN TRADE DEFENCE CASES" ippubblikat fis-sit tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ u s-Sigurtà Ekonomika: https://europa.eu/!7tHpY3.

Il-partijiet interessati jridu jindikaw isimhom, l-indirizz, in-numru tat-telefown u indirizz validu tal-posta elettronika u jenħtieġ li jiżguraw li l-indirizz tal-posta elettronika li jagħtu jkun indirizz kummerċjali uffiċjali tal-posta elettronika li jiffunzjona u li jiġi ċċekkjat kuljum. Ladarba jiġu pprovduti d-dettalji ta' kuntatt, il-Kummissjoni tikkomunika mal-partijiet interessati permezz ta' TRON.tdi jew tal-posta elettronika biss, dment li ma jitolbux li jirċievu d-dokumenti kollha mingħand il-Kummissjoni b'mezz ieħor ta' komunikazzjoni jew sakemm in-natura tad-dokument li jrid jintbagħat ma tkunx teħtieġ l-użu tal-posta rreġistrata.

Għal regoli u għal informazzjoni oħra dwar il-korrispondenza mal-Kummissjoni, inklużi l-prinċipji li japplikaw għas-sottomissjonijiet permezz ta' TRON.tdi u permezz tal-posta elettronika, il-partijiet interessati jenħtieġ li jikkonsultaw l-istruzzjonijiet ta' komunikazzjoni mal-partijiet interessati msemmija hawn fuq.

L-indirizz tal-Kummissjoni għall-korrispondenza:

European Commission
Directorate-General for Trade and Economic Security
Directorate G
Office: CHAR 04/039
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

TRON.tdi: https://webgate.ec.europa.eu/tron/tdi

Email: TRADE-AD654a-PVA-REOPENING@ec.europa.eu

Sit web: https://tron.trade.ec.europa.eu/investigations/case-view?caseId=2914

7. **Nonkooperazzjoni**

F'każijiet fejn xi parti interessata tirrifjuta l-aċċess għall-informazzjoni meħtieġa jew ma tipprovdihiex sal-limitu tal-iskadenzi, jew tfixkel b'mod sinifikanti l-investigazzjoni, jistgħu jiġu stabbiliti sejbiet, sew jekk pożittivi kif ukoll jekk negattivi, abbażi tal-fatti disponibbli, f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

([7]) Dokument "Sensitive" huwa dokument li jitqies kunfidenzjali skont l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku u l-Artikolu 6 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-GATT 1994 (il-Ftehim dwar l-Anti-dumping). It is also a document protected pursuant to Article 4 of Regulation (EC) 1049/2001 of the European Parliament and of the Council (OJ L 145, 31.5.2001, p. 43, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2001/1049/oj).

Fejn jinstab li xi parti interessata tkun tat informazzjoni falza jew qarrieqa, l-informazzjoni tista' tiġi injorata u jistgħu jintużaw il-fatti disponibbli.

Jekk parti interessata ma tikkooperax jew tikkoopera biss parzjalment u s-sejbiet għalhekk ikunu bbażati fuq fatti disponibbli f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, ir-riżultat jista' jkun inqas favorevoli għal dik il-parti milli kieku tkun ikkooperat.

In-nuqqas li tingħata tweġiba kompjuterizzata ma jitqiesx li jikkostitwixxi nuqqas ta' kooperazzjoni, dment li l-parti interessata turi li l-preżentazzjoni tat-tweġiba kif mitluba tirriżulta f'piż żejjed mhux raġonevoli jew kost addizzjonali mhux raġonevoli. Il-parti interessata jenħtieġ li tikkuntattja minnufih lill-Kummissjoni.

8. **Uffiċjal tas-Seduta**

Il-partijiet interessati jistgħu jitolbu l-intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta għall-proċedimenti kummerċjali. L-Uffiċjal tas-Seduta jirrieżamina t-talbiet għall-aċċess għall-fajl, it-tilwim dwar il-kunfidenzjalità tad-dokumenti, it-talbiet għal estensjoni tal-limiti ta' żmien u kwalunkwe talba oħra dwar id-drittijiet tad-difiża tal-partijiet interessati u tal-partijiet terzi li jistgħu jinqalgħu matul il-proċediment.

L-Uffiċjal tas-Seduta jista' jorganizza seduti ta' smigħ u jagħmilha ta' medjatur bejn il-parti(jiet) interessata/i u s-servizzi tal-Kummissjoni biex jiżgura li d-drittijiet tad-difiża tal-partijiet interessati jiġu eżerċitati bis-sħiħ. Talba għal seduta ta' smigħ mal-Uffiċjal tas-Seduta jenħtieġ li ssir bil-miktub u jenħtieġ li tispeċifika r-raġunijiet għat-talba. L-Uffiċjal tas-Seduta jeżamina r-raġunijiet għat-talbiet. Dawn is-seduti ta' smigħ jenħtieġ li jsiru biss jekk il-kwistjonijiet ma jkunux ġew solvuti mas-servizzi tal-Kummissjoni fi żmien debitu.

Il-partijiet interessati huma mistiedna jsegwu l-perjodi ta' żmien stabbiliti fl-Avviż anki fir-rigward tal-interventi, inklużi s-seduti ta' smigħ, mill-Uffiċjal tas-Seduta. Kwalunkwe talba trid tiġi ppreżentata fi żmien xieraq u malajr sabiex ma jiġix ipperikolat it-twettiq ordnat tal-proċedimenti. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-partijiet interessati jitolbu l-intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta mill-aktar fis possibbli wara li jseħħ il-każ li jiġġustifika tali intervent. L-Uffiċjal tas-Seduta jeżamina r-raġunijiet għalfejn it-talbiet għal interventi saru tard, in-natura tal-kwistjonijiet imqajma u l-impatt ta' dawk il-kwistjonijiet fuq id-drittijiet tad-difiża, filwaqt li jqis kif xieraq l-interessi ta' amministrazzjoni tajba u t-tlestija f'waqtha tal-investigazzjoni.

Għal aktar informazzjoni u dettalji ta' kuntatt, il-partijiet interessati jistgħu jikkonsultaw il-paġni web tal-Uffiċjal tas-Seduta fuq is-sit web tad-DĠ Kummerċ u Sigurtà Ekonomika:

https://policy.trade.ec.europa.eu/contacts/hearing-officer_en.

9. **Ipproċessar ta' data personali**

Kwalunkwe data personali miġbura f'din l-investigazzjoni se tiġi ttrattata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]).

Avviż dwar il-protezzjoni tad-data li jinforma lill-individwi kollha dwar l-ipproċessar tad-data personali fil-qafas tal-attivitajiet tad-difiża tal-kummerċ tal-Kummissjoni huwa disponibbli fuq is-sit web tad-DĠ Kummerċ u Sigurtà Ekonomika: https://europa.eu/!vr4g9W.

Informazzjoni lill-awtoritajiet doganali

Mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika ta' bidu u sakemm joħroġ l-eżitu ta' dan l-eżami mill-ġdid, ma huwa applikabbli l-ebda dazju anti-dumping definittiv għall-importazzjoni ta' ċerti alkoħols tal-polivinil li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 3905 30 00 (il-kodiċi TARIC 3905 30 00 91) li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, manifatturati minn Sinopec Group (Sinopec Chongqing SVW Chemical Co. Ltd, Sinopec Great Wall Energy & Chemical Ningxia Co. Ltd). L-ammont tad-dazju se jiġi ddeterminat mill-ġdid wara l-eżaminazzjoni mill-ġdid.

Peress li l-ammont ta' responsabbiltà finali li jirriżulta mir-rieżami mhuwiex ċert f'dan l-istadju, il-Kummissjoni titlob lill-awtoritajiet doganali nazzjonali biex jistennew l-eżitu ta' din l-investigazzjoni qabel ma jiddeċiedu dwar kwalunkwe pretensjoni ta' ħlas lura li tikkonċerna d-dazji anti-dumping annullati mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' dawk il-kumpaniji.

([8]) Regulation (EU) 2018/1725 of the European Parliament and of the Council of 23 October 2018 on the protection of natural persons with regard to the processing of personal data by the Union institutions, bodies, offices and agencies and on the free movement of such data, and repealing Regulation (EC) 45/2001 and Decision 1247/2002/EC (OJ L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).

Fl-istess ħin ma' dan l-Avviż, il-Kummissjoni adottat Regolament li jagħmel l-importazzjonijiet ta' ċerti alkoħols tal-polivinil li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 3905 30 00 (il-kodiċi TARIC 3905 30 00 91) manifatturati minn Sinopec Group (Sinopec Chongqing SVW Chemical Co. Ltd u Sinopec Great Wall Energy & Chemical Ningxia Co.) u li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina soġġetti għar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament anti-dumping bażiku.

Divulgazzjoni

Il-partijiet interessati rreġistrati matul l-investigazzjoni li wasslet għall-adozzjoni tar-Regolament inkwistjoni sussegwentement se jiġu infurmati bil-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom huwa maħsub li tiġi implimentata s-sentenza u se jingħataw l-opportunità li jikkummentaw.